MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 2241/2004

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Joseph Schembri**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ mija u ghaxar liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm110.87c) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 10071 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur minn Gunju 2003 sa Lulju 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u ghaxar liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm110.87c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------